# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **11 TA' NOVEMBRU 2018**

## Assemblea Parrokkjali

L-Assemblea Parrokkjali li saret fil-Parroċċa tagħna matul il-ġimgħa li għaddiet kellha t-tema "**Il-Parroċċa: Familja li tisma' u li timxi.**" – Papa Franġisku. Għal dawn il-laqgħat attendew numru sabiħ ta' persuni li taw il-kontribuzzjoni siewja tagħhom. Wara dawn il-laqgħat inkomplu d-diskussjonijiet tagħna fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali sabiex fil-konkret inkomplu bix-xogħol li jeħtieġ isir fil-Parroċċa tagħna imdawlin mill-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja. F'isem sħabi s-saċerdoti u l-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali nirringrazzjaw lil dawk li attendew u lil dawk li taw sehemhom biex tkun organizzata din l-Assemblea Parrokkjali.

## Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti

Illum is-Sibt 10 ta' Novembru 2018 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, Ħal Qormi fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

## Kommemorazzjoni ta' Tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija

Għada l-Ħadd 11 ta' Novembru 2018 jaħbat il-mitt anniversarju mit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija – gwerra li ħalliet miljuni ta' nies mejtin, fosthom bosta Maltin. Din it-tifkira sservi wkoll bħala talba ħerqana għall-paċi u għar-rispett għall-ħajja u d-dinjità ta' kull bniedem.

## Festa San Martin

Għada l-Ħadd 11 ta' Novembru 2018 wara l-quddiesa tad-9:15am fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin se nkunu qed inqassmu te u kafe' fuq iz-zuntier u tkunu tistgħu tixtru xi affarijiet tal-ikel. Inħeġġu lit-tfal jattendu għall-quddiesa tad-9:15am li fiha se ntellgħu xi boroż ta' San Martin u wara niltaqgħu ma' San Martin fuq iz-zuntier.

## Funeral ta' Josephine Duca

It-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fit-9:00am issir il-quddiesa tal-funeral ta' Josephine Duca li għaddiet għall-ħajja ta' dejjem.

## Tberik tal-Familji

It-Tlieta 13 ta' Novembru 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq il-Vjola u Triq l-Oranġjo.**

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 14 ta' Novembru 2018 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Għaqda Mużikali San'Anna Wied il-Għajn**

L-Erbgħa 14 ta' Novembru 2018 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser torganizza *Coffee Morning*. Biljetti mingħand il-helpers tal-Kummissjoni Nisa.

**Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 16 sal-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 qed jiġi organizzat weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect', ġewwa l-Marsaxlokk Activity Centre, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.

**Magħmudija Komunitarja**

Il-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Rosary on the Coast**

Il-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 fit-3.30pm ser tintalab it-talba tar-Rużarju mal-kosta ta' Malta, fosthom fil-Parroċċa tagħna.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina**

It-Tnejn 19 ta' Novembru 2018 fis-6:45pm ser issir l-ewwel laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Għeluq is-Sena Liturġika**

Il-Ħadd 25 ta' Novembru 2018 fil-festa ta' Kristu Re tintemm is-Sena Liturġika tal-Knisja Kattolika. Bħala Parroċċa, fit-tmiem tas-Sena Liturġika nħeġġiġkom sabiex fil-prattika nkunu ġenerużi billi nġibu xi ħaġa tal-ikel fil-qfief apposta fil-knisja quddiem l-ambone b'risq id-Dar Frate Jacoba li qed taqdi l-missjoni tagħha fil-parroċċa tagħna billi toffri mħabba u kenn għal ħutna żgħażagħ li jsibu ruħhom fit-tarf tas-soċjetà. L-oġġetti li ser niġbru nagħtuhom lil din il-komunità nhar il-Ħadd 25 ta' Novembru 2018 fil-quddiesa tad-9:15am li ser titmexxa minn Fr Ray Scicluna OFM, saċerdot fi ħdan din il-komunità.

**Formazzjoni dwar Mental Health**

Il-Ħamis 29 ta' Novembru 2018 fis-6.30pm il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tagħna qed torganizza laqgħa ta' formazzjoni fis-Sala Sant'Anna flimkien mar-Richmond Foundation dwar il-Mental Health. Kulħadd huwa mistieden.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2019. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (21636704 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Għadam tal-lewż ta' Novembru u Torti ta' San Martin**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta' Novembru u Torti ta' San Martin minn fuq iz-zuntier.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.